Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,783, 11 ta' Frar, 2022

Taqsima B

A.L 75 tal-2022

ATT DWAR IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI (KAP. 601)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Vetturi ta' Trasport fuq it-Triq Aktar Nodfa u Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(d) u (l) tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu, L.S. 601.06.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Vetturi ta' Trasport fuq it-Triq Aktar Nodfa u Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Vetturi ta' Trasport fuq it-Triq Aktar Nodfa u Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"awtoritajiet kontraenti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u fir-regolament 2(1) tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali; L.S. 601.03. L.S. 601.05.

"entitajiet kontraenti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-regolament 2(2) tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali; L.S. 601.05.

"vettura *heavy-duty* b'emissjonijiet żero" tfisser vettura nadifa kif imfissra fil-punt (b) tal-kliem "vettura nadifa" li ma jkollhiex magna b'kombustjoni interna, jew li jkollha magna b'kombustjoni interna li titfa' inqas minn 1g CO_2/kWh kif mitqies skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-miżuri implimentattivi tiegħu, jew li titfa' inqas minn 1g CO_2/km kif mitqies skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-miżuri implimentattivi tiegħu;

"vettura nadifa" tfisser:

(a) vettura tal-kategorija M1, M2 jew N1 li jkollha l-ogħla emissjoni tagħha mit-tubu ta' wara espressa f'CO_2 g/km u emissjonijiet ta' inkwinant waqt sewqan attwali li jkunu inqas mill-perċentwal tal-limiti ta' emissjoni applikabbli kif stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Iskeda; jew

(b) vettura tal-kategorija M3, N2 jew N3 li tuża karburanti alternattivi kif imfissra fl-artikolu 2(1) tal-Ordni dwar Karburanti Alternattivi, bl-esklużjoni ta' karburanti prodotti minn żjieda fil-varjazzjoni ta' ħażniet tal-għalf li jikkaġunaw użu indirett u qawwi tal-art hekk li tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni li ssir art li fuqha jkun hemm ħażna kbira ta' karbonju skont ir-regolament 28 tar-Regolamenti dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli. Fil-każ ta' vetturi li jużaw biokarburanti likwidi, karburanti sintetiċi u bil-paraffina, dawk il-karburanti ma għandhomx jitħalltu ma' karburanti fossili konvenzjonali;

L.S. 460.32.

L.S. 545. 35.

"vettura ta' trasport fit-triq" tfisser vettura fil-kategoriji ta' vetturi elenkata fit-Tabella 3 tal-Iskeda.".

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

3. (1) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-enerġija.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom l-għan li jiżguraw li awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti jqisu l-impatti tal-enerġija u ambjentali tul il-ħajja, inkluż il-konsum ta' enerġija u emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti speċifiċi, fl-akkwist ta' vetturi ta' trasport fit-triq bil-għan li jippromwovi u jiġi stimulat is-suq għal vetturi nodfa u effiċjenti fl-enerġija u li jingħata kontribut aħjar mis-settur tat-trasport lill-politiki tal-ambjent, klima u enerġija tal-Unjoni Ewropea.

(3) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-vetturi msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 2(2) u fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-*trailers* tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati destinati għal vetturi bħal dawk, li jemendaw ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassru Direttiva 2007/46/KE.".

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"4. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal akkwisti li jsiru permezz:

(a) ta' kuntratti għax-xiri, kiri, nolleġġ jew *hire-purchase* ta' vetturi ta' trasport fit-triq mogħtija minn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti sakemm dawn ikunu taħt obbligu li japplikaw il-proċeduri tal-akkwist stipulati fl-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi;

Kap. 601.

(b) ta' kuntratti tas-servizz pubbliku fil-kuntest tat-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70;

(ċ) ta' kuntratti tas-servizz stipulati fit-Tabella 1 tal-Iskeda sakemm l-awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti jkunu taħt obbligu li japplikaw il-proċeduri tal-akkwist stipulati fl-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw biss għal dawk il-kuntratti li dwarhom is-sejħa għall-kompetizzjoni tkun intbagħtet wara t-2 ta' Awwissu 2021 jew, fil-każijiet fejn sejħa għall-kompetizzjoni ma tkunx prevista, fejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun tat bidu għall-proċedura ta' akkwist wara dik id-data.".

Kap. 601.

Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"5. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal:

(a) vetturi msemmija fil-punti (a), (b) u (ċ) tal-Artikolu 2(2) u fil-punt (ċ) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2018/858;

(b) vetturi ta' kategorija M3 minbarra vetturi ta' Klassi I u ta' Klassi A kif imfissra fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Miri minimi tal-akkwist.

6. (1) L-akkwist ta' vetturi u servizzi msemmija fir-regolament 4 jikkonforma mal-miri minimi tal-akkwist għal vetturi *light-duty* nodfa stipulati fit-Tabella 3 tal-Iskeda u għal vetturi *heavy-duty* nodfa stipulati fit-Tabella 4 tal-Iskeda. Dawk il-miri jiġu espressi bħala perċentwali minimi ta' vetturi nodfa fl-għadd totali ta' vetturi ta' trasport fit-triq koperti bl-aggregat tal-kuntratti kollha msemmija fir-regolament 4, mogħtija bejn it-2 ta' Awwissu 2021 u l-31 ta' Diċembru 2025, għall-ewwel perjodu ta' referenza, u bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-31 ta' Diċembru 2030, għat-tieni perjodu ta' referenza.

(2) Għall-fini tal-kalkolu tal- miri minimi tal-akkwist, id-data tal-akkwist pubbliku li għandha titqies hija d-data meta tintemm il-proċedura tal-akkwist pubbliku, bl-għoti tal-kuntratt.

(3) Il-vetturi li jissodisfaw it-tifsira ta' vettura nadifa jew ta' vettura *heavy-duty* b'emissjonijiet żero taħt ir-regolament 2 bħala riżultat ta' tagħmir mill-ġdid jistgħu jiġu kkunsidrati bħala vetturi nodfa jew vetturi *heavy-duty* b'emissjonijiet żero, rispettivament, għall-fini ta' konformità mal-miri minimi tal akkwist.

(4) Fil-każ ta' kuntratti msemmija fil-paragrafu (a) tar-regolament 4, l-għadd ta' vetturi ta' trasport fit-triq mixtrija, mogħtija b'nolleġġ, mikrija jew taħt *hire-purchase* taħt kull kuntratt għandu jitqies għall-fini ta' valutazzjoni ta' konformità mal-miri minimi tal-akkwist.

(5) Fil-każ ta' kuntratti msemmija fil-parafrai (b) u (ċ) tar-regolament 4, l-għadd ta' vetturi ta' trasport fit-triq li għandhom jintużaw għall-forniment tas-servizzi koperti b'kull kuntratt għandu jitqies għall-fini ta' valutazzjoni ta' konformità mal-miri minimi tal-akkwist.

(6) Fejn ma jiġux adotti miri ġodda għall-perjodu wara l-1 ta' Jannar 2030, il-miri stabbiliti għat-tieni perjodu ta' referenza għandhom jibqgħu japplikaw, u għandhom jiġu kalkulati skont is-subregolamenti (1) sa (5), matul perjodi sussegwenti ta' ħames (5) snin.".

B 400

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

7. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"**SKEDA**

Tagħrif dwar l-implimentazzjoni tal-inqas miri tal-akkwist għal vetturi ta' trasport fit-triq nodfa b'appoġġ għal mobilità b'emissjonijiet baxxi f'Malta

Tabella 1: Numri ta' Kodifikazzjoni (CPV – *Common Procurement Vocabulary*) għas-servizzi msemmija fir-regolament 4 (3)

Kodiċi CPV	**Deskrizzjoni**
60112000-6	Servizzi ta' trasport pubbliku fuq it-triq
60130000-8	Servizzi ta' trasport tal-passiġġieri fuq it-triq għal xi għan speċjali
60140000-1	Trasport tal-passiġġieri mhux skedat
90511000-2	Servizzi ta' ġbir ta' skart
60160000-7	Trasport tal-posta fuq it-triq
60161000-4	Servizzi ta' trasport ta' pakketti
64121100-1	Servizzi ta' kunsinna tal-posta
64121200-2	Servizzi ta' kunsinna ta' pakketti

Tabella 2: Limiti stabbiliti ta' emissjoni għal vetturi *light-duty* nodfa*

Kategoriji ta' vetturi	**Sal-31 ta' Diċembru 2025**	**Mill-1 Jannar 2026**

*L-ogħla valuri ta' emissjonijiet dikjarati waqt sewqan attwali (*Real-Driving Emission* – RDE) ta' numri ta' partikuli (*Particles Number* – PN) in #/km u ossidi tan-nitroġenu *(Nitrogen Oxides* – NOx) f'mg/km kif rappurtati fil-punt 48.2 taċ-ċertifikat ta' konformità, kif deskritt fl-Anness IX mad-Directive 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għal vjaġġi RDE sew mitmuma sew urbani.

[2] Il-limiti ta' emissjoni applikabbli stipulati fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 715/2007, jew suċċessuri eventwali.

	CO_2 g/ km	**Emissjonijiet ta' inkwinant tal-arja RDE bħala perċentwal ta' limiti ta' emissjoni**	**CO_2 g/km**	**Emissjonijiet ta' inkwinant tal-arja RDE bħala perċentwal ta' limiti ta' emissjoni**
M_1	50	80%	0	n.a.
M_2	50	80%	0	n.a.
N_1	50	80%	0	n.a.

.
.

Tabella 3: Miri minimi tal-akkwist għall-kondiviżjoni ta' vetturi *light-duty* nodfa skont it-Tabella 2 fl-għadd totali ta' vetturi *light-duty* b'kuntratti msemmija fir-regolament 4

	Mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025	Mill-1 Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030
Malta	38.5%	38.5%

Tabella 4: L-inqas miri ta' akkwist għall-kondiviżjoni ta' vetturi *heavy-duty* nodfa fl-għadd totali ta' vetturi *heavy-duty* koperti b'kuntratti msemmija fir-regolament 4 (*)

	Trakkijiet (vettura kategorija N_2 u $N_{3)}$	Xarabankijiet (vettura kategorija $M_{3)}$

* Nofs il-mira minima għall-kondiviżjoni ta' xarabankijiet nodfa għandu jiġi mwettaq bl-akkwist ta' xarabankijiet b'emissjonijiet żero kif imfissra fil-punt 5 tal-Artikolu 4. Din il-ħtieġa titnaqqas għal kwart tal-inqas mira għall-ewwel perjodu ta' referenza jekk aktar minn 80% tax-xarabankijiet koperti bl-aggregat tal-kuntratti kollha msemmija fl-Artikolu 3, mogħtija matul dak il-perjodu fi Stat Membru, ikunu xarabankijiet double-decker.

B 402

	Mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025	Mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030	Mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025	Mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030
Malta	10%	15%	45%	65%".